# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## ILLUM 23 T'OTTUBRU, 2000.

**Kawza Nru. 26.**

**Citazz. Nru. 1557/00 JRM.**

**U. C. I. M. Company Limited.**

**vs**

**Alfred Cardona u martu Doris Cardona.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremetiet:

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf u erbgha u ghoxrin lira Maltija (LM1024), rapprezentanti import ta' 14 il-kambjala, wahda ta' LM23 u l-ohrajn ta' LM77 il-wahda, debitament accettati, skaduti minn Gunju 1999 sa Lulju 2000 u mhux imhallsa, huma hawn annessi markati bin-numri minn 1 sa 14 konsekuttivament u inklusivament;

Illi ghalkemm mitluba biex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Galhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

1. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM1024.00 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq, u

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sat-30 ta' Gunju 2000 jammontaw ghal LM45, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju 2000 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, t-talba kif ridotta tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

1. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu s-somma ta' elf u erbgha u ghoxrin lira maltin (Lm1024) fuq imsemija dovuta kif intqal fuq, u

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu l-imghax mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala li sat-30 ta' Gunju 2000 jammontaw ghal LM45, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv;

U bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Mejju 2000, kontra l-konvenuti.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**23, t'Ottubru, 2000.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**23, t'Ottubru, 2000.**